MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru. 387/2007

Il- Pulzija
(Spettur Anthony Portelli)

-vs-

-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

-Omissis-

Talli,

Omissis wehidhom talli gewwa Hal Ghaxaq f’ xi hin bil- lejl xi zmien matul ix- xahar ta’ Ottubru u Novembru 2006, ikkommettew serq minn zewg vetturi ta’ l- ghamla Citroen Xantia u Vauxhall Vectra liema serq huwa kkwalifkat bil- hin, bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa, liema serq sar ghad- detriment ta’ Salvino Brincat u/ jew persuni ohra;

Lill Omissis wahdu, talli gewwa Hal Ghaxaq f’ xi hin fil- lejl ta’ bejn is- 17 u t- 18 ta’ Settembru 2006, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq hgiega tax- showroom bl- isem ‘J.C. Car Sale Showroom’ li tinsab fi Triq Dawret Hal Ghaxaq, kif ukoll hsara fuq vettura ta’ ghamla Escort bin- numru tar- regisrazzjoni BAC-321 li kienet fl- istess showroom, liema hsara teccedi Lm 50 u dan ghad- dannu ta’ John Cutajar u/ jew persuni ohra;

Lill Omissis wahdu talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi assocja ruhu ma persuna ohra bl- ghan li jghamlu delitt f’ Malta u cioe delitt ta’ hsara fil- propjeta’ ta’ terzi persuni, liema delitt huwa punibbli b’ piena ta’ prigunerija m’ huwiex delitt taht l- att dwar l- istampa;

Lill Omissis wahdu talli gewwa Hal Ghaxaq fil- lejl ta’ bejn il- 21 u t- 22 ta’ Ottubru 2006, ikkommetta serq ta’ vettura tal- ghamla Morris Minor bin- numru tar- registrazzjoni JAT-137, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi Lm 100 izda anqas minn Lm 1000, ‘bil- hin, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa’, liema serq sar ghad- detriment ta’ Joseph Micallef u/ jew persuni ohra.

Lill Omissis wahidhom, talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi irrendew ruhom komplici billi b’ xi mod, xjentement, ghenu jew assistew lil awtur tar- reat u cioe’ Omissis fl- atti li bihom id- delitt gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe’ fis- serq ta’ l- imsemmija vettura bin- nurmru tar- registrazzjoni JAT-137;

Lill Omissis wahdu talli fl- istess perjodu xjentemement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, u cioe’ vettura misruqa ta’ l- ghamla Morris Minor bin- numru tar- registrazzjoni JAT-137, u dan sabiex jaghmel uzu temporanju minnha;

Lill Omissis wahidhom talli saqu l- imsemmija vettura nurmu JAT-137 minghajr ma kellhom licenjza tas- sewqan taht Kat ‘B’ mill awtorita dwar it- trasport ta’ Malta biex isuqu l- imsemmija vettura, B’ hekk ma kienux koperti b’ polza ta’ sigurta dwar ir- riskju tat- terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni titlob li jigu skwalifikati milli jiehdu jew ikollhom ebda licenzja tas- sewqan u dan ghal- perjodu ta’ mhux anqas minn tnax il- xahar. U dan ai termini tal-artikoli sec. 61(1) Chap 65, sec 15(1)(a)(2), Chap 65, sec 15 (1) (a) (3), Chap 65, L.N. 191/02, Sec 3, Chap 104.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f’l-4 ta’ Gunju 2007 l-ufficjal prosekutur irtira l-hames imputazzjoni fil-konfront ta’ Omissis.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz l-stqarrijiet ta’ l-imputati.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsibuha.

Rat l-artikoli 42(d), 48A, 261(c) (d) (f) (g), 267, 270, 271, 325(1)(b), u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 61(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputati.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjonijiet ta' serq bl-aggravji fuq imsemmija, u anke dik ta' sewqan minghajr licenzja, tikkomporta piena ta' prigunerija u/jew multa u dan anke wara li din tigi mnaqqsa bi grad ai termini ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta stante l-eta ta' l-imputati.

Illi din l-Qorti hija tal-fehma li kemm piena karcerarja  kif ukoll hlas ta' multa  m'hu ser iservu ta' l-ebda gid ghall-imputati. Tenut kont ta' l-ammissjoni bikrija u l-eta taghhom, il-fatt li kkooperaw mal-Pulizija u anke tal-fatt li huma *first time offenders* (hlif ghal Omissis li ghandu kundanna wahda ohra biss) l-Qorti hi tal-fehma li ordni ta' *probation* ikun aktar idoneju fil-kaz in ezami.

Illi pero (ai termni tas-subinciz 2B l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijet ta' Malta) il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi applikat f'kaz ta' xi reat kontemplat fl-artikolu 3 tal-imsemmi Kap 104. Konsegwentment ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni adebita lill-imputati Omissis il-Qorti ghandha tinfliggi l-piena kontemplata fl-istess Kap 104 bi tnaqqis ta' grad kif stipulat fl-artikolu 37 tal-Kap 9 kif ukoll l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 42(d), 48A, 261(c) (d) (f) (g), 267, 270, 271, 325(1)(b), u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 7, 13, 17, 31, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijet ta' Malta;

Fuq ammissjoni issib lill-imputat Omissis hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba, u s-sitt imputazzjonijiet u b'applikazzjoni ta l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal- tmintax il- xahar. Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car ir-responsabbilta' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tmintax il- xahar. Fuq ammissjoni issib lill-imputat Omissis hati tad-disgha imputazzjoni u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) u tiskwalifikah milli jikseb licenzja ta' sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Omissis hati tat-tmien imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggihom taht ordni ta' *probation* ghal zmien sena. Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sena. Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Omissis hati tad-disgha imputazzjoni u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) u tiskwalifikah milli jikseb licenzja ta' sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar.

Fuq ammissjoni issib lill-imputat Omissis hati tat-tielet u s-sebgha imputazzjoni; lill-imputat Omissis hati ta' l-ewwel, u s-sebgha imputazzjonijiet; lill-imputat Omissis hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggihom taht ordni ta' *probation* ghal zmien sena. Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sena.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------